

32004R0037

10.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 6/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 37/2004
tad-9 ta' Jannar 2004**

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward ta' kwoti tat-tariffi tal-Komunità u kwantitajiet ta' referenza għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Marokk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 tad- 9 ta' April 2001 li jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffa tal-Komunità u tal-kwantitajiet ta' referenza għall-prodotti eliġibbli għall-preferenzi bħala riżultat tal-ftehim ma' ċerti pajjiżi tal-Mediterran u r-Regolamenti ta' abrogazzjoni (KE) Nru 1981/94 u (KE) Nru 934/95 ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri kien deċiż fit-22 ta' Diċembru 2003 bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jikkonċerna miżuri ta' liberalizzazzjoni reċiproka u t-tibdil tal-Protokoll 1 u 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u l-Marokk. Dak il-Ftehim ġdid japplika mill-1 ta' Jannar 2004, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 2, 4 u 5 tal-Protokoll 1 ġdid ta' l-agrikoltura, hawnhekk iżjed 'il quddiem "il-Protokoll 1 il-ġdid", li jikkonċerna l-arranġamenti applikabbli lill-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti agrikoli li joriġinaw fil-Marokk. Dawk l-artikoli japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2003 fir-rigward tal-konċessjonijiet provduti għat-tadam.
- (2) Il-Protokoll 1 il-ġdid jipprovdi għal konċessjonijiet tariffarji ġodda u għal bidliet fil-konċessjonijiet eżistenti mniżżlin fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 747/2001, fejn xi wħud minnhom jaqgħu fil-kwoti tat-tariffi u kwantitajiet ta' referenza tal-Komunità.
- (3) Għal ċerti prodotti agrikoli li għalihom il-konċessjonijiet tariffarji eżistenti japplikaw fi kwantitajiet ta' referenza, il-Protokoll 1 il-ġdid jipprovdi għall-eżenzjoni ta' dazji doganali fi kwoti ta' tariffi jew għall-eżenzjoni ta' dazji doganali għal volumi kbar ħafna.
- (4) Biex jimplementa l-konċessjonijiet tariffarji pprovdati fil-Protokoll 1 il-ġdid, hu neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 747/2001.
- (5) Sabiex jiġu kkalkolati l-kwoti tat-tariffi għall-ewwel sena ta' applikazzjoni, għandu jkun provdut illi, ħliet għat-tadam ta' kodiċi NM 0702 00 00, fejn il-perjodu tal-kwota jibda qabel id-data minn meta l-Ftehim il-ġdid jibda jopera, l-volumi tal-kwota tat-tariffa jridu jitnaqqsu bi proporzjon għal dik il-parti tal-perjodu li kien diġà għadda qabel dik id-data.

- (6) Sabiex tiffaċilita l-immaniġjar ta' ċerti kwoti tat-tariffi eżistenti provduti fir-Regolament (KE) Nru 747/2001, il-kwantitajiet importati fil-qafas ta' dawk il-kwoti għandhom jiġu kkunsidrati għall-ħlas fuq il-kwoti tat-tariffi miftuħa skond ir-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.
- (7) Il-Ftehim il-ġdid jipprovdi li kwoti tat-tariffi għal tadam frisk jew imkessaħ għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2003. Il-kwantitajiet li kienu tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità mill-1 ta' Ottubru 2003 bil-vantaġġ tal-kwoti tat-tariffi eżistenti għal tadam frisk jew imkessaħ bħala riżultat tar-Regolament (KE) Nru 747/2001, għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati għall-ħlas bi kwoti tat-tariffi miftuħa skond ir-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.
- (8) Taħt il-Protokoll 1 il-ġdid, il-volum tal-kwota tat-tariffa addizzjonali għal tadam frisk u mkessaħ applikabbli mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju għandha tiddependi kull sena fuq il-volum totali ta' tadam li joriġina mill-Marokk u li tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità matul il-perjodu preċedenti mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju. Konsegwentement, il-Kummissjoni trid, qabel l-1 ta' Novembru ta' kull sena, tirrevedi l-volumi imqiegħda f'ċirkolazzjoni libera matul il-perjodu preċedenti mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju, u trid tadotta dispożizzjonijiet biex timplimenta xi aġġustament neċessarju tal-volum tal-kwota tat-tariffa addizzjonali.
- (9) Għall-kwoti tat-tariffi għal tadam frisk jew imkessaħ, għandha tkun provduta skond il-Protokoll 1 il-ġdid li, matul kull staġun ta' importazzjoni mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju, kwantitajiet mhux użati tal-kwoti tat-tariffi ta' kull xahar jistgħu jkunu trasferiti f'żewġ dati speċifiċi għall-kwota tat-tariffa addizzjonali applikabbli għal dak l-istaġun ta' importazzjoni.
- (10) Skond il-Protokoll 1 il-ġdid, il-volumi ta' kwoti tat-tariffi għal ċerti prodotti għandhom jiddedu mill-1 ta' Jannar 2004 sa l-1 ta' Jannar 2007, fuq bażi ta' erba' rati annwali u indaqs, kull waħda tikkorrispondi għal 3 % ta' dawk il-volumi.
- (11) Minħabba li d-dispożizzjonijiet provvdati f'dan ir-Regolament iridu japplikaw mid-data ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim il-ġdid, huwa xieraq li dan ir-Regolament jiġi fis-seħħ kmieni kemm jista' jkun.
- (12) Il-miżuri provvdati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

⁽¹⁾ ĠU L 109, tad-19.4.2001, p. 2. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 209/2003 (ĠU L 28, ta' l-4.2.2003, p. 30).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 2

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 3a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 3

Dispożizzjonijiet speċjali għall-kwotas tat-tariffa għat-tadam li joriġina fil-Marokk

Għat-tadam ta' kodiċi NM 0702 00 00 impoġġi f'ċirkolazzjoni libera f'kull perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju (hawnhekk iżjed 'il quddiem' staġun ta' importazzjoni) għbid fuq il-kwoti tat-tariffi ta' kull xahar applikabbli taħt ordni Nru 09.1104 mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu rispettivament, għandhom jitwaqqfu kull sena fil-15 ta' Jannar u fit-tieni jum ta' xogħol fil-Kummissjoni wara l-1 ta' April. Fil-ġurnata tax-xogħol li jmiss fil-Kummissjoni, s-servizzi tal-Kummissjoni iridu jiddeterminaw il-bilanċ ta' dawk il-kwoti tat-tariffa mhux użati u jridu jagħmluha disponibbli fil-kwota tat-tariffa addizzjonali applikabbli għal dak l-istaġun ta' importazzjoni taħt in-numru ta' l-ordni 09.1112.

Mid-dati li fihom l-kwoti tat-tariffi ta' kull xahar ġew imwaqqfa, kull abbozzi retroattivi minn kull kwoti tat-tariffi tax-xahar mwaqqfin u kull volumi li ma ntużawx u treggħu lura lil xi kwoti tat-tariffi mwaqqfin fix-xahar għandhom isiru fuq il-kwota tat-tariffa addizzjonali applikabbli għal dak l-istaġun ta' importazzjoni.”

2. L-Anness II hu mibdul bit-test imdaħħal fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

1. Għall-perjodu tal-kwota li għadu kif infetaħ fl-1 ta' Jannar 2004, il-kwantitajiet li skond ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità fil-kwoti tat-tariffi bin-numri ta' l-ordni 09.1115, 09.1122, 09.1130, 09.1133, 09.1135, 09.1136 u 09.1137, għandhom jiġu kkunsidrati għall-ħlas fuq il-kwoti tat-tariffa rispettivi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet ta' tadam tal-kodiċi NM 0702 00 00 li skond ir-Regolament (KE) Nru 747/2001 tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità mill-1 ta' Ottubru 2003 fi kwotas tat-tariffa bin-numri ta' l-ordni 09.1116, 09.1189 u 09.1190, għandhom jiġu kkunsidrati għall-ħlas fuq il-kwoti tat-tariffa miftuħa għal dawk il-prodotti minn dik id-data skond l-Anness II tar-Regolament (KE) No 747/2001, kif emendat b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2004, bl-eċċezzjoni tal-kwoti tat-tariffa indikati fit-tielet u r-raba' paragrafu.

Il-kwoti tat-tariffi taħt in-numru ta' l-ordni 09.1104 għal tadam ta' kodiċi NM 0702 00 00 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2003.

Il-kwota tat-tariffa taħt in-numru ta' l-ordni 09.1112 għal tadam ta' kodiċi CN 0702 00 00 għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2003.

ANNEX

"ANNEX II

IL-MAROKK

Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tkun ikkunsidrata bħala li ma għandhiex aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tkun determinata, fil-kuntest ta' dan l-Anness bil-kopertura ta' kodiċi NM kif jeżistu fil-ħin ta' l-adozzjoni tar-regolament kurrenti. Fejn il-kodiċi NM ta' qabel huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tkun determinata bl-applikazzjoni ta' kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Kwoti tat-tariffa

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1135	0603 10 10 0603 10 20 0603 10 40 0603 10 50		Fjuri maqtugħa friski u żahar ta' fjuri ta' kull xorta addattati għall-bukketti jew għal għanijiet ornamentali: — Ward — Qronfol — Gladioli — Lellux	mill-15.10.2003 sal-31.5.2004	3 000	Eżenzjoni
				mill-15.10.2004 sal-31.5.2005	3 090	
				mill-15.10.2005 sal-31.5.2006	3 180	
				mill-15.10.2006 sal-31.5.2007	3 270	
				mill-15.10.2007 sal-31.5.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.10 sal-31.5	3 360	
09.1136	0603 10 30 0603 10 80		Fjuri maqtugħa friski u żahar ta' fjuri ta' kull xorta addattati għall-bukketti jew għall-għanijiet ornamentali: — Orkidea — Oħrajn	mill-15.10.2003 sa l-14.5.2004	2 000	Eżenzjoni
				mill-15.10.2004 sa l-14.5.2005	2 060	
				mill-15.10.2005 sa l-14.5.2006	2 120	
				mill-15.10.2006 sa l-14.5.2007	2 180	
				mill-15.10.2007 sa l-14.5.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.10 sa l-14.5	2 240	
09.1115	ex 0701 90 50 ex 0701 90 90	10	Patata ġdida u hekk imsejħa 'patata ġdida', friska jew imkessħa	mill-1.12.2003 sat-30.4.2004	120 000	Eżenzjoni
				mill-1.12.2004 sat-tat-30.4.2005	123 600	
				mill-1.12.2005 sat-tat-30.4.2006	127 200	
				mill-1.12.2006 sat-tat-30.4.2007	130 800	
				mill-1.12.2007 sat-tat-30.4.2008 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.12 sat-30.4	134 400	

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.10 sal-31.10	10 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.11 sat-30.11	26 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.12 sal-31.12	30 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.1 sal-31.1	30 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.2 sat-28/29.2	30 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.3 sal-31.3	30 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.4 sat-30.4	15 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1104	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.5 sal-31.5	4 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1112	0702 00 00		Tadam, frisk jew imkessaħ	mill-1.11.2003 sal-31.5.2004	15 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
				mill-1.11.2004 sal-31.5.2005	25 000 ⁽³⁾	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
				mill-1.11.2005 sal-31.5.2006	35 000 ⁽⁴⁾	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
				mill-1.11.2006 sal-31.5.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sal-31.5	45 000 ⁽⁵⁾	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1127	ex 0703 10 11 0703 10 19 0709 90 90	50	Basal, li jinkludi basal salvaġġ ta' l-ispeċi <i>Muscari comosum</i> , frisk jew imkessaħ	mill-15.2 sal-15.5.2004 mill-15.2 sal-15.5.2005 mill-15.2 sal-15.5.2006 mill-15.2 sal-15.5.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-15.2 sal-15.5	8 240 8 480 8 720 8 960	Eżenzjoni
09.1102	0703 10 90 0703 20 00 0703 90 00		Basal abjad, tewm, kurrat u oħrajn ħaxix relatat ma' ġens it-tewm, frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	1 030 1 060 1 090 1 120	Eżenzjoni

⁽¹⁾ L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

⁽²⁾ F'din il-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista tal-konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO huwa mnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 461/tunellata, li jkun il-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas milli miftiehem, il-kwota tad-dazju tad-dwana speċifiku għandu jkun indaqs rispettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % ta' prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

⁽³⁾ Din il-kwota tal-volum għandha tiġi mnaqqsa għal 5 000 tunellata ta' piż nett jekk il-volum totali tad-tadam li joriġina mill-Marokk impoġġi f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità matul il-perjodu ta' l-1 ta' Ottubru 2003 sal-31 ta' Mejju 2004 jaqbeż il-volum ta' 191 900 tunnellata metrika ta' piż nett.

⁽⁴⁾ Din il-kwota tal-volum għandha tiġi mnaqqsa għal 15 000 tunnellata metrika ta' piż nett jekk il-volum totali tad-tadam li joriġina mill-Marokk impoġġi f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità matul il-perjodu ta' l-1 ta' Ottubru 2004 u sal-31 ta' Mejju 2005 jaqbeż is-somma tal-volumi tal-kwotas tat-tariffa mensili bin-numru ta' l-ordni 09.1112 applikabbli matul il-perjodu ta' l-1 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Mejju 2005. Għad-determinazzjoni tal-volum totali importat tolleranza massima ta' 1 % għandha tkun permessa.

⁽⁵⁾ Din il-kwota tal-volum għandha tiġi mnaqqsa għal 25 000 tunnellata metrika ta' piż nett jekk il-volum totali ta' tadam li joriġina mill-Marokk impoġġi f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità matul il-perjodu ta' l-1 ta' Ottubru 2005 sal-31 ta' Mejju 2006 jaqbeż is-somma tal-volumi tal-kwoti tat-tariffa mensili bin-numru ta' l-ordni 09.1112 applikabbli matul il-perjodu ta' l-1 ta' Novembru 2005 sal-31 ta' Mejju 2006. Għad-determinazzjoni tat-total importat tolleranza massima ta' 1 % għandha tkun permessa. Dawn il-dispożizzjonijiet se jgħoddu għall-volum ta' kull wieħed minn hemm 'il quddiem provduti bi kwota ta' tariffa addizzjonali li se tapplika mill-1.11 sal-31.5.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (ftunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1106	ex 0704		Kaboċċi, pastard, ġidra, kaboċċa u simili tal-kaboċċi tajba biex jittiekle, friski jew imkessħa, eskluż il-kaboċċa Ċiniża	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	515 530 545 560	Eżenzjoni
09.1109	ex 0704 90 90	20	Kaboċċa ċiniża, friska jew imkessħa	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	206 212 218 224	Eżenzjoni
09.1108	0705 11 00		Ħassa ikkaboċċjata (ħass ikkaboċċjat), frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	206 212 218 224	Eżenzjoni
09.1110	0705 19 00 0705 29 00 0706		— Ħass (<i>Lactuca sativa</i>), frisk jew imkessaħ, minbarra l-ħassa ikkaboċċjata — Indivja (<i>Cichorium spp.</i>), friska jew imkessħa, minbarra l-indivja witloof — Karrotti, newew, pitrava ta' l-insalata, salsafja, krafes ħoxnin, ravanell abjad and ħaxix simili tajba biex jittiekle, friski jew imkessħa	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	618 636 654 672	Eżenzjoni
09.1137	0707 00 05		Ħjar, frisk jew imkessaħ	mill-1.11.2003 sal-31.5.2004 għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sal-31.5	5 429 5 600	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1113	0707 00 90		Ħjar żgħar għall-immarinat, frisk jew imkessaħ	mill-1.1. sal-tal-31.12.2004 mill-1.1. sal-tal-31.12.2005 mill-1.1. sal-tal-31.12.2006 mill-1.1. sal-tal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	103 106 109 112	Eżenzjoni
09.1138	0709 10 00		Qaqoċċ frisk jew imkessaħ	mill-1.11 sal-31.12	500	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾

⁽¹⁾ L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

⁽²⁾ F'din il-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO titnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 449/tunnellata, li jkun il-prezz miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota tad-dazju speċifika tad-dwana għandha tkun indaqgħ respettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

⁽³⁾ Fil-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provdut fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO hija mnaqqsa għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 571/tunnellata, li jkun il-prezz miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota speċifika tad-dazju tad-dwana għandha tkun indaqgħ respettivament għal 2, 4, 6 jew 8 % tal-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (ftunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1120	0709 40 00 ex 0709 51 00 0709 59 10 0709 59 30 ex 0709 59 90 0709 70 00	90 90	— Ħaxix ieħor, frisk jew imkessaħ: — Karfus minbarra krafes ħoxnin — Faqqieġh tal-genus <i>Agar-icus</i> , minbarra l-faqqieġh ikkultivat — Chanterelles — Faqqieġh flap — Faqqieġh ieħor, minbarra faqqieġh ikkultivat — Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi orache (spinaċi tal-ġnien)	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	9 270 9 540 9 810 10 080	Eżenzjoni
09.1133	0709 90 70		Qargħa bagħli zġħir, frisk jew imkessaħ	mill-1.10.2003 sa l-20.4.2004 għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.10 sa l-20.4	13 276 20 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾
09.1143	ex 0710		Ħaxix (mhux misjur jew misjur bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżat, esklużi l-piżelli tas-sottotitli 0710 21 00 u ex 0710 29 00 u esklużi frott ieħor tal-genus <i>Capsicum</i> jew tal-genus <i>Pimenta</i> ta' sottotitlu 0710 80 59	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	10 300 10 600 10 900 11 200	Eżenzjoni
09.1125	0711 40 00 0711 51 00 0711 59 00 0711 90 30 0711 90 50 0711 90 80 0711 90 90		Ħjar u ħjar zġħar għall-immarinat, faqqieġh, tartuf, xorta ta' qamħ bil-qalba fiha ħafna zokkor, basal, ħaxix ieħor (esklużi frott tal-genus <i>Capsicum</i> jew <i>Pimenta</i>) u taħlit ta' ħaxix, provviżorjament priservati imma mhux adattati fdak l-istat għal konsum immedjat	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	618 636 654 672	Eżenzjoni
09.1126	ex 0712		Ħaxix mniġġef, sħiħ, mqatta', fbiċċiet, miksuri jew f'xi trab, imma mhux preparat aktar, esklużi l-basal ta' sottotitlu 0712 20 00 u esklużi ż-żebbuġ ta' ex 0712 90 90	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	2 060 2 120 2 180 2 240	Eżenzjoni
09.1122	0805 10 10 0805 10 30 0805 10 50 ex 0805 10 80	10	Larinġ frisk	mill-1.12 sal-31.5	300 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽³⁾
09.1130	ex 0805 20 10	05	Klementini friski	mill-1.11.2003 sad- tad- 29.2.2004 għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.11 sat-28/29.2	120 000 130 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾ ⁽⁴⁾
09.1145	0808 20 90		Sfarġel frisk	mill-1.1 sal-31.12	1 000	Eżenzjoni

⁽¹⁾ L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

⁽²⁾ F'din il-kwota tat-tariffa d-dazju speċifiku provduti fil-lista tal-konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO hija mnaqqsa għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn:
— EUR 424/tunnellata metrika mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Jannar u mill-1 sa l-20 ta' April, li jkun il-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk,
— matul il-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu il-prezz tad-dħul tal-WTO ta' EUR 413/tunnellata metrika li hu aktar favorabbli mill-prezz tad-dħul miftiehem għandu jgħodd.

Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota speċifika tad-dazju tad-dwana għandha tkun indaqs rippettivament għal 2, 4, 6 or 8 % ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

⁽³⁾ F'din il-kwota tat-tariffa d-dazju speċifiku provduti fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO jitnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul huwa anqas minn EUR 264/tunnellata metrika, li hu l-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, il-kwota tad-dazju speċifika għandha tkun daqs 2, 4, 6 jew 8 % rippettivament ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

⁽⁴⁾ F'din il-kwota tat-tariffa id-dazju speċifiku provduti fil-lista ta' konċessjonijiet tal-Komunità lill-WTO jitnaqqas għal zero jekk il-prezz tad-dħul mhuwiex anqas minn EUR 484/tunnellata metrika, li hu l-prezz tad-dħul miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa 2, 4, 6 jew 8 % anqas mill-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana għandha tkun daqs 2, 4, 6 jew 8 % rippettivament ta' dan il-prezz tad-dħul miftiehem. Jekk il-prezz tad-dħul ta' kunsinna huwa anqas minn 92 % tal-prezz tad-dħul miftiehem, id-dazju speċifiku tad-dwana marbut mill-WTO għandu jgħodd.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (ftunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1128	0809 10 00		— Berquq frisk	mill-1.1. sal-31.12.2004	3 605	Eżenzjoni ⁽¹⁾
	0809 20		— Ċirasa friska			
	0809 30		— Ħawħ frisk, li jinkludi ċ-ċiprisk	mill-1.1. sal-31.12.2005	3 710	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	3 815	
			mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	3 920		
09.1134	0810 50 00		Ribes Ċiniż frisk	mill-1.1 sat-30.4.2004	257,5	Eżenzjoni
				mill-1.1 sat-30.4.2005	265	
				mill-1.1 sat-30.4.2006	272,5	
				mill-1.1 sat-30.4.2007 u għal kull perjodu minn hemm 'il quddiem mill-1.1 sat-30.4	280	
09.1140	1509		— Żejt taż-żebbuġ u l-partijiet tiegħu, kemm jekk raffinat jew le, imma mhux modifikati b'mod kimiku	mill-1.1. sal-31.12.2004	3 605	Eżenzjoni
	1510 00			— Żjut oħra u l-partijiet tagħhom, miksuba biss miż-żebbuġ, kemm jekk raffinati jew le, imma mhux modifikati b'mod kimiku, li tinkludi taħlitiet ta' dawn iż-żjut jew partijiet bi żjut jew partijiet tat-titlu 1509	mill-1.1. sal-31.12.2005	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	3 815	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	3 920	
09.1147	ex 2001 10 00	90	Ħjar żgħir għall-immarinat, preparat jew ippreservat fil-hall jew aċidu aċetiku	mill-1.1. sal-31.12.2004	10 300 tunnellata ta' piż nett imbattla	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	10 600 tunnellata ta' piż nett imbattla	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	10 900 tunnellata ta' piż nett imbattla	
				mill-1.1. sal-tal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	11 200 tunnellata ta' piż nett imbattla	
09.1142	2002 90		Tadam preparat jew preservat b'mod ieħor milli fil-hall jew aċidu aċetiku, ħlief sħiħ jew imqatta' biċċiet	mill-1.1. sal-31.12.2004	2 060	Eżenzjoni
				mill-1.1. sal-31.12.2005	2 120	
				mill-1.1. sal-31.12.2006	2 180	
				mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	2 240	

⁽¹⁾ L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*, minbarra ċirasa friska li għaliha mill-1 sal-21 ta' Mejju l-eżenzjoni tapplika wkoll għad-dazju minimu speċifiku.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (f'tunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1119	2004 90 50 2005 40 00 2005 59 00		Piżelli (<i>Pisum sativum</i>) u fażola li għad baqagħlha tiżviluppa fil-miżwed preparati jew preservati b'mod ieħor milli fil-hall jew aċidu aċetiku, iffriżati jew le	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm'il quddiem	10 815 11 130 11 445 11 760	Eżenzjoni
09.1144	2008 50 61 2008 50 69		Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, li ma fihx spirtu miżjud, fih zokkor miżjud u f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż-il 1 kilo	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm il quddiem	10 300 10 600 10 900 11 200	Eżenzjoni
09.1146	2008 50 71 2008 50 79		Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, ma fihx spirtu miżjud, fih zokkor miżjud u f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett li jaqbeż-il 1 kilo	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm il quddiem	5 150 5 300 5 450 5 600	Eżenzjoni
09.1105	ex 2008 50 92 ex 2008 50 94	20 20	Polpa tal-berquq, ma fihiex spirtu jew zokkor miżjuda, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' 4,5 kilos jew aktar	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm il quddiem	10 300 10 600 10 900 11 200	Eżenzjoni
09.1148	2008 50 99 ex 2008 70 98	 21	Berquq, preparat jew preservat b'mod ieħor, ma fihx spirtu jew zokkor miżjuda, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' anqas minn 4,5 kilos kilosNofsijiet ta' ħawħ (inklużi ċiprisk), preparati jew preservati b'mod ieħor, ma fihomx spirtu jew zokkor miżjud, f'pakketti żgħar ta' użu immedjat ta' kontenut nett ta' anqas minn 4,5 kilos	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm il quddiem	7 416 7 632 7 848 8 064	Eżenzjoni

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (ftunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1149	2008 92 51 2008 92 59 2008 92 72 2008 92 74 2008 92 76 2008 92 78		Taħlit ta' frott, li fihom zokkor miżjud, imma mhux spirtu miżjud	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	103 106 109 112	Eżenzjoni
09.1123	2009 11 2009 12 00 2009 19		Meraq tal-larinġ	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	51 500 53 000 54 500 56 000	Eżenzjoni ⁽¹⁾
09.1192	2009 21 00 2009 29		Meraq tat-tronġ	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	1 030 1 060 1 090 1 120	Eżenzjoni ⁽¹⁾
09.1131	2204 10 19 2204 10 99 2204 21 10 2204 21 79 ex 2204 21 80 2204 21 83 ex 2204 21 84 ex 2204 21 94 ex 2204 21 98 ex 2204 21 99 2204 29 10 2204 29 65 ex 2204 29 75 2204 29 83 ex 2204 29 84 ex 2204 29 94 ex 2204 29 98 ex 2204 29 99	72 79 80 10 72 79 80 10 30 10 30 10 30 10 30 10 30	Inbid ieħor ifexfex Inbid ieħor minn għeneb frisk	mill-1.1. sal-31.12.2004 mill-1.1. sal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1. sal-31.12.2007 u għal kull sena minn hemm 'il quddiem	98 056 hl 100 912 hl 103 768 hl 106 624 hl	Eżenzjoni

⁽¹⁾ L-eżenzjoni tapplika biss għad-dazju *ad valorem*.

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi tan-NM	Sub-diviżjoni TARIC	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwota tal-perjodu	Kwota tal-volum (ftunnellati ta' piż nett)	Kwota tad-dazju
09.1107	ex 2204 21 79 ex 2204 21 80 ex 2204 21 83 ex 2204 21 84	72 72 72 72	Inbid intitolati lil waħda mid-denominazzjonijiet ta' l-oriġini li ġejjin: Berkane, Saïs, Beni M'Tir, Guerrouane, Zemmour and Zennata, ta'qawwa alkoħolika eżatta bil-volum li ma jaqbiżx 15 % vol u fil-kontenituri li jesgħu 2.1 jew anqas	mill-1.1. sal-tal-31.12.2004 mill-1.1. sal-tal-31.12.2005 mill-1.1. sal-31.12.2006 mill-1.1.sal-tal-31.12.2007 u għalkull sena minn hemm 'il quddiem	57 680 hl 59 360 hl 61 040 hl 62 720 hl	Eżenzjoni"